

**Konvenut:** L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Palmero Cabezas, aġent)

**Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral:** Embutidos Monells, SA (San Miguel de Balenya, Spanja) (rappreżentanti: L. Broschat García u L. Polo Flores, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Lulju 2019 (Każ R 1728/2018-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Sánchez Romero Carvajal Jabugo u Embutidos Monells.

### Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-24 ta' Lulju 2019 (Każ R 1728/2018-4) hija annullata.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) L-EUIPO u Embutidos Monells, SA għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess kif ukoll, kull wieħed u waħda minnhom, in-nofs tal-ispejjeż sostnuti minn Sánchez Romero Carvajal Jabugo, SAU.

(<sup>1</sup>) ĠU C 383, 11.11.2019.

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral 2 ta' Diċembru 2020 – inMusic Brands vs EUIPO – Equipson (Marq)

(Kawża T-687/19) (<sup>1</sup>)

[“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Marq – Trade marks figurattivi nazzjonali u internazzjonali preċedenti MARK – Raġuni assoluta għal rifiut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001] – Dikjarazzjoni ta’ invalidità parzjali*”]

(2021/C 28/64)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: inMusic Brands, Inc. (Cumberland, Rhode Island, l-Istati Uniti) (rappreżentant: D. Rose, solicitor)

**Konvenut:** L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Sakalaité-Orlovskienė u J. Crespo Carrillo, aġenti)

**Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral:** Equipson, SA (Silla, Spanja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Lulju 2019 (Każ R 1759/2018-5), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità bejn Equipson u inMusic Brands.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) inMusic Brands, Inc., hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 399, 25.11.2019.